messagg ghall-milied 2007

| | |
|---|---|
| # IL-MILIED NISRANI |  |

Wara jum xoghol iebes hafna fil-port, Alfonso dahal id-dar, kiel xi haga bil-hatfa u mar jorqod kmieni aktar mis-soltu. Anqas lahaq imtedd li ghajnu mar marritx bih u raqad minnufih. Mal-lejl holom li f''rokna imwarrba ta' wahda mit-toroq tal-belt fetah hanut b'tabella li kienet tghid: "Rigali t'Alla."



"Mhux ta' min jitlef rigal minghand Alla," qal bejnu u bejn ruhu. U imbotta l-bieb u dahal gewwa. Wara l-bank ra Anglu. Imbellah ghal ahhar staqsa lil Anglu: "X'inti tbiegh Anglu sbejjah?"

Wiegbu l-Anglu : "Kull gid li gej minghand Alla."

"Jiswa xejn?'" staqsa Alfonso biex jara li kellu flus bizzejjed.

"Anqas centezmu wiehed," wiegbu lura l-Anglu: " Ir-rigali t'Alla huma b'xejn."

Alfonso ta harsa madwaru u fuq hafna xkaffi lemah garrar zghar u kbar tal-hgieg,

anfori ta' kull daqs mimlija imhabba, ohrajn bil-fidi, pakketti ta' tama, kaxxi ta' salvazzjoni u tant u tant hwejjeg ohra. Ghamel ftit tal-kuragg u talab lil Anglu hekk: "Tini ftit imhabba t'Alla, hafna mahfra u kaxxa fidi u salvazzjoni kemm hu mehtieg."

L-Anglu ppreparalu kollox u qeghedhomlu fuq il-bankun biex Alfonso jigborhom, izda kbira kienet il-meravilja meta ra li dak kollu li talab l-Anglu kien ippakjahomlu f'pakkett zghir, tant zghir li kien joqghodlu fil-pala ta' idejh. Alfonso esklama: "Possibli li dak kollu li tlabtek ippakjajtu hawn?"

U l-Anglu irrispondih: "Iva, habib, fil-hanut t'Alla, ma jimbieghx frott matur, imma biss zerriegha x'wiehed jikkoltiva u jkabbar."

Meta l-ghada filghodu Alfonso qam u ftakar fil-holma fehem tajjeb li l-virtu' takkwistha meta tahdem ghaliha .

Il-Milied riesaq gmielu u l-ewwel reazzjoni taghna lejn dan iz-zmien imqaddes tkun ta' sigar mixghula wara t-twieqi, dwal ta' kull kulur itteptep fit-toroq taghna, bdil ta' awguri ta' paci, giri bla hniena ghax-xiri ta' rigali, ikliet u parties minn wahda nidhlu u mill-ohra nohorgu............. Dawn il-hwejjeg jaljenawna mill-veru tifsira tal-Milied. Nippreparaw ruhna fiz-zmien ta' l-Avvent biex toktor fina l-virtu' u nzejnu ruhna bil-qdusija halli ghal Gesu' ikollna ghamara denja fejn nilqghuh u nospitawh.